MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Numru. 1408/2007

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NICHOLAS CIAPPARA**

**KONTRA**

**LYTON DEBATTISTA, iben Glen u Theresa nee' Cordina, imwieled Tal-Pieta' nhar it-02.01.1988, residenti fil-fond 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta, numru tal-karta tal-identita' numru 37088M; MATTHEW DEBATTISTA iben Glen u Theresa nee' Cordina, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16.11.1989, u residenti fil-fond 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 552789M; U RYAN DEBATTISTA, iben Glen u Theresa nee' Cordina, imwieled Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Jannar, 1991, residenti fil-fond 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 73791M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Lyton Debattista**, **Matthew Debattista**, u **Ryan Debattista** li gew akkuzati talli:

1. F’Tas-Sliema, nhar is-26 ta’ Ottubru, 2007, ghall-habta tal-11pm, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Stephen Galea, minn Tas-Sliema, liema offizi jistghu jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, kif ukoll jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f’wahda mill-idejn;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Stephen Galea, Jamma Smaini Galea minn Tas-Sliema, u lil Peter George Borg minn Hal-Luqa;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-hanut Stepdown Bar, liema hsara tammonta ghal anqas minn mitt lira, izda aktar minn hamsin lira ghad-detriment ta’ Isabelle Holden mis-Swieqi u Michael Beintner minn San Giljan;

4. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh u l-paci pubblika b’ghajjat u bil-glied;

5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, qalu kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

**1. LYTON DEBATTISTA**

a) Fl-Artikoli 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikoli 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2. MATTHEW DEBATTISTA**

a. Fl-Artikolu 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3. RYAN DEBATTISTA**

a. Fl-Artikoli 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok gew ezebiti l-istqarrijiet li l-imputati rispettivament. Ghalhekk minn naha tieghu Lyton Debattista stqarr illi hu, flimkien mal-ko-akkuzati l-ohra (hutu) u l-gharusa tieghu Sarah, kienu gewwa s-Sliema Supporters Club. Qal illi Sarah harget biex titkellem ma’ habiba taghha Marija. Qal illi hareg barra u ra lil huh Matthew jargumenta ma’ guvni iehor li kien passiggier f’karozza Fiat Uno bajda. Mar ikellem lil dan biex jara ghaliex, kif qalulu, kien qieghed jghajjar lil Sarah, u dan kellmu hazin u tah daqqa ta’ ponn. Jghid li tah daqqa ta’ ponn lura. Qal illi Stephen il-Bugann ta daqqa ta’ ponn, qabad lil huh minn ghonqu. Dak il-hin Sarah taha hass hazin u hdejha kien hemm Ryan. Qal illi l-Bugann dahal id-dar tieghu, u gab serratizz tal-injam ta’ madwar metru u nofs, anke qala’ l-grada mic-cappetti u tefaghha mal-art. Beda joffendieh u tah daqqa go rasu bis-serratizz, beda hiereg id-demm minn rasu. Ra lil huh jipprova jiehu l-injama minghand dan il-Bugann, pero dan tah daqqa ta’ ponn go rasu. Qal illi x’hin ra lil huh jaqla’ beda jaghti bil-ponn lill-Bugann. Qal illi meta bdew joffenduhom in-nies, hu gie ‘l isfel gol-hanut Stepdown. Hawn hu u l-Bugann waqghu fuq mejda. Ra li minn rasu kien hiereg id-demm, pero qam u beda jaghtih b’xi haga f’idejh; biex jevita li jsawtu rega’ ntefa’ fuqu. Hass daqqtejn ohra minn wara; dar u sab lill-mara tal-Bugann b’banketta f’idha taghtih biha. Imbuttaha u waqghet mal-art.

Matthew Debattista stqarr (Dok MD folio 27) ukoll illi kien ma’ hutu Lyton u Ryan, flimkien ma’ Sarah l-gharusa ta’ huh. Sarah harget barra mis-Sliema Supporters Club fejn kienu. Hareg hu ftit wara biex icempel lit-tfajla tieghu u ra zewg guvintur – wiehed minnhom jismu Ryner. Mar fuq in-naha tax-xufier. Ma kinx jaf illi l-passiggier li beda jghajjar lil Sarah qahba u li darha kulhadd Tas-Sliema. Staqsieh

x’gara, dan beda joffendieh u qallu biex imur ‘l hemm. Qal illi hargu hutu biex jaraw x’gara u fl-istess hin hareg wiehed jghidulu l-Bugann minn go dar u beda joffendihom. Qala’ l-grada tal-parapett mic-cappetti, tefaghha fin-nofs tat-triq u rega’ dahal gewwa. Fi ftit minuti rega’ hareg b’serratizz ta’ madwar metru. Qal illi l-Bugann ta daqqa ta’ serratizz go ras huh Lyton. Dan waqa’ mal-art u ra d-demm hiereg. Matthew zied illi mar biex jiehu l-injama minghand il-Bugann u dan tah daqqa ta’ ponn go rasu. Ferrquhom in-nies u sab ruhu fil-hanut aktar ‘l isfel, il-hanut Stepdown. Qal illi l-Bugann x’hin kienu qed jimbuttaw in-nies, dahal go bieb tal-hgieg. Qal anke li dahlet mara ta’ nazzjonalita’ Gharbija li bdiet targumenta ma’ huh Lyton, u kif huh mar biex jigbru tatu daqqa ta’ banketta lil huh. Il-banketta nqasmet fuq huh.

Dok RD, folio 29, hija l-istqarrija ta’ Ryan Debattista - anke dan ikkonferma li hu, flimkien ma’ hutu Lyton, Matthew u l-gharusa ta’ huh Sarah, kienu gewwa Sliema Supporters Club. Hawn Sarah harget barra tkellem wiehed li kien f’karozza. Jaf illi hareg il-Bugann u beda joffendiehom. Lilu hatfu minn ghonqu ghalxejn. Jghid illi l-Bugann dahal gewwa, qala’ l-grada mic-cappetti u tefaghha fit-triq; hareg b’serratizz ta’ metru (circa) – b’dan ta daqqa go ras Lyton. Lilu gidmu f’idu l-leminija. Lyton waqa’ mal-art u ralu d-demm hiereg minn go rasu. Hu ha hsieb lil Sarah li taha hass hazin, u dahhluha fil-hanut Sliema Supporters Club, u poggewha fuq is-sufan. Qal illi x’hin nizel it-tarag tal-Stepdown ra lil huh Lyton mal-art, u l-Bugann mixhut mal-art. Qal illi ra lill-mara tal-Bugann taghti daqqa ta’ banketta lil Lyton fuq rasu, ra lill-Bugann jaghti daqqa ta’ serratizz lil Lyton fuq rasu.

Fi stqarrija ohra minnu rilaxxata, Lyton Debattista (Dok LD1 folio 31), stqarr biss illi huwa kien tahielu l-ewwel.

Minn naha tieghu Matthew Debattista fit-tieni stqarrija tieghu, Dok MD1 folio 34, stqarr illi dan il-Bugann hareg mid-dar tieghu u ta daqqa ta’ serratizz lil huh Lyton. Lyton waqa’ mal-art. Qal illi hu qabad l-injama minghand il-Bugann (wara li kien ta lil huh) u ramieha fit-triq. Qal illi

Lyton qala’ daqqa ta’ banketta gol-bar minghand mara - il-mara tal-Bugann.

Minn naha tieghu Ryan Debattista wkoll irrilaxxa stqarrija ohra, Dok RD1 folio 37 - fiha ghazel illi ma jwegibx.

PC 1122 Arthur Rizzo xehed illi meta waslu l-Stepdown Bar, hemm ra persuna barranija jimbotta zewg zghazagh – tnejn mill-imputati. Meta kellimhom qalulu l-imputati li certu Stephen Galea kien qabad jghajjat maghhom, u anke li gab injama mid-dar u li hebb ghalihom. Ikkonferma li Lyton Debattista kellu daqqa go rasu (naha tax-xellug), mentri Ryan Debattista kellu anke daqqiet fuq sidru u zaqqu. Irrizultalu wkoll illi gewwa l-bar kien hemm certu Stephen Galea – il-Bugann, illi kien sofra xi griehi go rasu u ttiehed l-Isptar. Xehed fuq dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet tieghu.

PC 364 David Borg, li wkoll mar fuq is-sit tal-incident, ikkonferma li kien ra d-demm mal-art. Ra biss demm fuq Stephen Galea.

Isabelle Holden – xhud okulari, xehdet illi fil-lejla tal-incident kienet il-festa ta’ Oktoberfest, allura kien hemm hafna Germanizi jiccelebraw. Semghet mara twerzaq u rat mara mixhuta mal-art. Rat donnu bhal tkissir ta’ hgieg u ragel jaqa’ mal-art bid-demm hiereg minnu. Identifikatu bhala l-gar taghhom Stephen. Rat illi dan kien f’ghadira demm. Giet murija d-dokument NC (folio 39), u kkonfermat il-lista tad-danni sofferti fis-sit Stepdown Bar. Ikkonfermat ukoll illi waqt li Stephen kien qieghed mal-art, xi hadd kien ta daqqa ta’ sieq lil martu. Ma ratx min kien dan li taha daqqa ta’ sieq. Xehdet illi l-glieda ma rathix.

Dr Anton Briffa kkonferma minn naha tieghu l-kontenut ta’ certifikat mediku mahrug fil-konfront ta’ Borg Peter li sofra griehi ta’ natura hafifa.

Michael Beintner, ukoll prezenti fl-Stepdown Bar, ikkonferma li barra l-bar hu ra glieda bejn tlieta – erbgha minn nies, anke li wiehed minnhom kellu njama “stick” f’idu li biha beda jaghti lill-irgiel l-ohra. Qal illi dahlu gol-bar

tieghu, waqghu tlieta jew erbgha targiet. L-ewwel ma waqa' kien Stephen u kellu d-demm go rasu, waqa' ghal rasu fuq l-imwejjed. Qal illi gia' kien imwegga', u li wiehed mill-aggressuri tieghu qabad banketta u beda jaghti lil Stephen go rasu biha. Gharaf lil Lyton Debattista, pero ma kinx jaf l-involviment tieghu f'din il-glieda. Mistoqsi kif kien jaf lil Stephen, qal illi dan kien gar tal-bar. Ma kinx jaf min ta lil min.

Minn naha tieghu Stephen Galea xehed u qal illi hu kien qieghed jara Xarabank, sema' hafna storbju u martu qaltlu li kellu johrog iferraq xi tliet guvintur li kienu qed jaghtu lil xi hadd f'karozza. Qal illi ghalkemm ma kinx jaf min, hu qabez ghalih. Mar iferraq u nehhihom minn mal-bieba. Qal illi qabduha mieghu u li kellu hamsin punt go rasu u erbatax go wiccu. Qal ukoll illi kellu l-mara tqila, tidher, u tawha u kaxkruha minn xagharha. Qal illi beda jaghtiha l-kbir Lyton. Qal ukoll illi meta tgerrbu fil-hanut, Lyton anke tah daqqa ta' banketta go rasu. Anke zied illi kellu jmur jaghmel rapport l-Ghassa ghax kien il-hin kollu (wara l-incident) ghaddej minn quddiem id-dar tieghu.
Qal illi hu lil dawn iz-zghazagh ma kinx jafhom, biss hareg jiddefendi lill-habib Reiner ghax kien jaf lil dan tal-ahhar. Qal illi hu ra lit-tlieta li huma fuq dan it-tifel li kien jismu Peter li kien qieghed jaqla' minghandhom, ghalkemm kien fil-karozza ta' Reiner. Innega li hu kellu xi haga f'idejh, anzi qal illi hu lanqas ma kien imlibbes - kien bil-flokk ta' taht u l-qalziet tas-sodda. Dwar l-injama qal illi kien hu li taha lil huh  biex itellaghha l-Ghassa. Qal illi din kien gabha Lyton mill-karozza li kienet ipparkjata Gafar Street. Qal illi meta waqt il-glieda l-injama giet f'idejh, hu waddabha taht il-bankina. Qal illi hu xejjer biha meta giet f'idu, pero ma kinx hu li kien hareg bl-injama. Ma kinx jaf minghand min kien ha l-injama. Qal illi kien wiehed mill-imputati li kien laqtu bl-injama. Qal illi meta waqghu gol-Stepdown Bar, huma bdew jaqbdu kollox u jaghtuh go rasu. Ikkonferma li kien il-kbir li tah daqqa ta' banketta, cioe' Lyton.

Qal in kontro ezami li meta hareg mid-dar, kull ma ra lil Peter fil-karozza u t-tlieta mdendlin mal-bieba u jaghtuh. Qal illi hu hareg iferraq mhux ghall-glied.

Reiner Scerri xehed minn naha tieghu, u qal illi kien fil-karozza ma’ habib tieghu certu Peter Borg. Marret tfajla u staqsiet lil Peter kinx ghajjarha kiesha, wegibha li le. Qal illi f’daqqa wahda gew zewg guvintur li ppruvaw ihebbu ghal Peter, daru ghalih (folio 110). Hu kif ukoll Stephen hargu jferrqu. Qal illi bdew jaghtuh, umbaghad mar biex jiehu lil Peter id-dar u ra tnejn fuq Stephen.
Qal illi din it-tfajla li giet tkellem lil Peter kien jisimha Sarah, u li kienu faccata tal-hanut tas-Sliema Supporters Club. Qal illi hu lil din Sarah kien jafha biss by sight. Qal illi Stephen hareg iferraq, u li hu f’idu ma kien ralu xejn; anke li ma kinx ra njama ghand hadd.
Qal illi hu demm ra fuq il-flokk ta’ Peter. Gharaf lill-imputati, qal pero li Lyton kien mar wara l-ewwel tnejn.

Innega li huwa kien hemm biex jiggieldu ma’ Stephen.

Dr Nicola Aquilina xehdet fil-konfront tac-certifikat ezebit a folio 40, mahrug a favur Gemma Galea. Kellha griehi ta’ natura hafifa. Ma kinitx tiftakar jekk il-pazjenta kinitx tqila.

Minn naha taghha Sarah Mamo xehdet illi hi kienet mal-gharus taghha Lyton, Matthew u Ryan. Marret ghas-sodisfazzjon minghand Peter li kien fil-karozza ma’ Reiner, ghax kienet semghet illi kien qieghed jghid fuqha. X’hin staqsietu dan, cioe’ kinx qed jghid fuqha, hdejha marru Matthew u Ryan. Qalet illi hi regghet dahlet gol-bar ghax daqqilha l-mobile, u sakemm harget kien hareg ukoll Lyton, u kien hemm naqra gegwigija. Qalet illi meta harget semghet lil Stephen il-Bugann jghid lil Lyton li kien ser jurih hu min hu l-bully. Qalet illi Stephen dahal gewwa u hareg b’injama u biha ta daqqa lil Lyton fuq rasu. Qalet illi din l-injama qabadha Matthew u ramieha.

Qalet illi lil Ryan u lil Matthew lehqithom imorru hdejha u jsaqsuha x’gara. Qalet ukoll illi wara li Lyton qala’ d-daqqa ta’ njama, ma kinitx taf x’gara ghax taha hass hazin.

Peter Borg xehed illi hu kien ma’ Reiner fuq l-ghatba tas-Sliema Supporters Club, u dahlu fil-karozza ta’ missier ix-xhud. Zied illi marret tfajla fuqu u staqsietu jekk kinx Peter

u wegibha iva. Staqsietu jekk kinx qed jghajjarha kiesha u wegibha li le. Zied illi mbaghad marru tnejn fuqu u qabdu jaghtuh fil-karozza. Qal illi harguh mill-karozza u qabdu jaghtuh, qal illi mbaghad gie iehor. Zied illi dahal iehor f'nofshom, beda jimbuttahom u jghidilhom biex ihalluh ghax kienu ser joqtluh. Halla lil dawn it-tlieta u l-iehor li qabez ghalih jaghtu bejniethom. Qal illi wiehed minnhom anke waqa' go l-Stepdown Bar, u baqghu jaghtuh. Qal illi kien Steve li beda jaqla'. Ikkonferma li lilu kienu l-imputati li sawtuh u li taw anke lil Steve. Xehed illi qatt ma ra njama f'idejn hadd, pero li hu kellu d-demm fuqu, anzi zied illi ghalih kulhadd kellu d-demm fuqu. Ikkonferma c-certifikat mahrug a folio 41 Dok PG. Indika lil Lyton bhala l-gharus tat-tfajla li kellmitu.

Xhud iehor okulari hija certa Gemma Galea li qalet illi kienu qed jaraw Xarabank, u semghu storbju wara l-bieb tad-dar. Rat tlieta minn nies imdawrin ma' tifel jismu Peter, hareg zewgha Stephen Galea u pprova jifridhom. Qalet illi gie guvni iehor kbir u daruh. Qalet illi qabdu jaghtu lir-ragel taghha. Bhala kbir kienet qed tirreferi ghal Lyton. Xehdet illi anke rat hafna demm mal-art. Qalet illi ghalkemm lil zewgha kienu qed jaghtuh it-tlieta, Lyton beda jaghtih minn wara. Minn naha taghha hi bdiet tigbidlu l-gakketta biex twaqqfu; qabadha minn xagharha, zammha fil-kantuniera u beda jaghti lilha wkoll. Ikkonfermat il-griehi minnha sofferti fic-certifikat Dok GG. Qalet ukoll illi hi tilfet it-tarbija li kienet qed iggorr. Fiz-zmien tal-glieda kellha hames xhur tqala. Xehdet ukoll illi kien Matthew Debattista li gab l-injama minn gol-karozza u beda jaghti biha. Zewgha kien sabha mixhuta wara xi karozza. Kien skondtha Lyton li rema l-injama.

Sabine Albrecht ikkonfermat illi rat il-glieda u gharfet lil Stephen bhala l-persuna li safa' mwegga'. Qalet illi kienu forsi tlieta li segwew lil Stephen. Ikkonfermat ukoll illi Stephen waqa' t-tarag (tal-bar) u hemm ragel beda jaghtih b'banketta. Ikkonfermat ukoll illi fil-glieda giet uzata "A wooden bar." (folio 165).

Ilja Albrecht xehed illi ra lill-vittma jigri t-tarag ta' Stepdown Bar. Fuqu kien hemm tlieta minn nies isawtuh. Qal ukoll illi

f'mument minnhom wiehed minnhom anke beda jaghtih bil-banketta. Qal illi l-midrub kien jismu Stephen ghax wara anke rringrazzjah. Iddeskriva li dan Stephen waqa' go ghadira ta' demm u xorta baqghu jaghtuh. Ra demm hiereg minn go rasu.

Frick Henning Werner minn naha tieghu qal illi konsegwenza ta' argument ra xi nies jigru wara xulxin, ra lil xi hadd jahrab mill-ohrajn u b'hekk dahal fil-bar. Ikkonferma li ra lil xi hadd jiggieled "with a wodden stick" (folio 183). Qal illi fil-bar kien hemm ghamara u kollox imqalleb "messed up" (folio 184), u li kien hemm persuna mitlufa minn sensieha mal-art.

Leslie Galea – oht il-ferut Stephen, wara li cemplitilha martu u nizlet il-bar, xehdet illi mar wiehed fuqha u qallha li kienu tefghu njama li biha sawtu lil huha, haditha l-Ghassa.

Il-griehi sofferti minn Stephen Galea, gravi di natura, anke minhabba l-ferita fil-wicc, gew ikkonfermati minn Dr Stephen Muscat.

Dr Mario Scerri, appozitament mahtur, ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu:

*1. "Illi dawn il-lezjonijiet kollha huma kompatibbli ma' blunt trauma;*

*2. Illi c-cikatrici fuq in-naha tax-xellug tal-wicc tibqa' marka permanenti;*

*3. Illi c-chipping tal-incisors jibqghu vizibbli permanentement sakemm ma ssirx korrezzjoni dentali fuqhom."*

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, wara hafna tigbid ta' rikorsi u nuqqas ta' attendenza minhabba xi mard jew iehor, l-imputati ghazlu li jiehdu l-pedana.

Lyton Debattista kkonferma li flimkien ma' hutu u erbat ihbieb kienu qed jixorbu fis-Sliema Supporters Club. Qal

illi t-tfajla tieghu Sarah Mamo, bdiet targumenta ma' xi wiehed li hu ma kinx jafu, ghax dan beda jghajjarha qahba. Minn dan hu pero ma sema' xejn. Qal illi hargu hutu biex jaraw x'gara. Qal illi ma kinx jaf x'gara, pero hareg jikkalma s-sitwazzjoni. Qal illi f'daqqa wahda hareg Stephen il-Bugann, li mieghu hu kien hbieb. Pero dan qabad lil huh minn ghonqu u meta qallu dak hija, dahal gewwa, gab serratizz, u qala' l-grada tal-parapett tieghu. Tah daqqa go rasu u hariglu d-demm. Qal illi kien Matthew li hadlu s-serratizz minn idejh, u ramieh. Qal illi sa ftit qabel kienu qeghdin jieklu l-fniek flimkien u ma kinx jaf ghalfejn kien ghamillu hekk, tant illi fil-gurnata kienu jitkellmu qisu qatt ma kien gara xejn. Innega li hu kien qabad il-banketta u beda jaghti biha fuq ras Stephen. Anzi zied illi kienet martu li tatu daqqa ta' banketta, umbaghad dar, raha, qabadha minn xagharha, u tefaghha mal-art. Ma kinx jaf jekk mart Stephen kinitx tqila, aktar tard anke zied illi jaf li kienet tqila pero li messa bezghet ghat-tarbijia mhux tatu daqqa ta' banketta. Qal illi hu qabadha minn xagharha u hi ntefghet mal-art. Innega anke li hu sawwat lil xi hadd fil-karozza. Qal illi hu lil Patrick (recte Peter) tal-karozza ma kellmux, anzi hu ferraq lil hutu ghax kienu hdejh qed jargumentaw bid-diskors. Qal illi x'hin hareg hu ma kien hemm hadd jaghti. Qal illi dak il-hin ma kinx hemm glied bil-ponn. Ma kinx jaf xi gralu Stephen, baqa' jinsisti li dan kien gab is-serratizz. Ghalkemm ma kinx jaf li Stephen Galea kien mal-art, ammetta li beda jaghtih b'idu biss. Dwar is-suturi li kellu Stephen go rasu, rega' spjega li dawn garrabhom skondtu meta tgerrbu l-erba' targiet tal-bar ghal isfel. Ikkonferma li Galea haduh l-Isptar bl-ambulanza. Qal illi hu la qala' dawk id-daqqiet go rasu, allura minn naha tieghu beda jiggieled mieghu dejjem b'idejh.
Baqa' nsistenti li ma kinx ta bil-banketta lill-mara ta' Stephen, anzi li kienet hi li tatu. Ammetta li zbalja li qabadha minn xagharha. Anke baqa' nsistenti li kien Matthew li ha s-serratizz minn idejn Galea u ramieh taht il-bankina.

In difesa ta' Lyton Debattista xehdet Sarah Mamo li qalet illi lil Lyton ma ratu jaghmel xejn. Ikkonfermat illi wara l-incident Lyton kellu l-punti f'rasu. Ikkonfermat illi semghet

lil Stephen jghid lil Lyton “hu nurik min hu bully.” Qalet illi ftit qabel l-incident kienu qed iparlaw ma’ Stephen parapett ma’ parapett tad-dar ta’ Galea ma’ dak tal-bar. Baqghet tinsisti li Galea gab is-serratizz minn god-dar tieghu u bih ta daqqa lill-gharus taghha, cioe’ lil Lyton go rasu.

Matthew Debattista xehed illi mis-Supporters Club harget it-tfajla ta’ huh fejn karozza pparkjata, minhabba li kien qieghed isir diskors fuq ilbies qasir u li kienet qahba. Marret tiffaccja lil xi hadd u kien hemm hafna ghajjat u argumenti. Mar jara x’kien qieghed jigri, u dan beda joffendieh - dan certu Peter li kien fil-karozza ma’ Reiner. Qal illi nqala’ Stephen f’daqqa u l-hin, u hareg b’injama kbira metru. Qala’ anke l-grada. Qal illi dan Stephen indirizzahom fis-sens illi kienu ser jaraw min kien bully, u ta daqqa ta’ injama lil Lyton. Matthew xehed illi kien hu li hadlu l-injama lil Stephen u tefaghha taht karozza. Qal illi hu, hutu u Stephen waqghu go hanut. Qal ukoll illi l-mara ta’ Stephen anke tathom daqqa ta’ banketta. Innega li ghal Peter hargu t-tlieta u anke li bdew isawtuh. Qal illi hu mar hdejn Peter biss fuq insistenza ta’ Reiner li jiehu ‘l hemm lil Sarah, u kif avvicinahom Peter beda joffendieh bil-familja. Innega li hu ta lil Peter, anzi qal illi ma kellux ghalfejn, b’dan illi qal illi kien biss Galea li pprova jaghti lilu ghax hareg ghalih b’serratizz. Qal illi hu ma ta lil hadd. Lanqas ma ra lill-Bugann b’rasu maqsuma. Qal illi Peter gideb meta qal illi sawtuh, daqstant iehor Reiner. Qal dwar ix-xhieda li taw it-turisti ta’ tlieta minn nies isawtu lil Galea u wiehed jaqbad il-banketta u jaghtih biha go rasu, li hu b’dan ma kien jaf xejn.

Maghluqa l-provi tad-Difza, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju ta’ xejn l-ahwa ko-imputati qablu li huma ma nstigawx il-glieda mal-passiggier tal-Fiat Uno li kien ma’ certu Reiner, li huma kienu jafu. Qablu wkoll illi huma ma attakkawx lil Peter il-passiggier, anzi li kien dan Peter li kellem lil Matthew hazin l-ewwel, u anke tah daqqa ta’ ponn, dan x’hin l-istess Matthew mar jara x’kien l-

argument mal-gharusa ta’ huh Sarah. Per parentesi din id-daqqa ta’ ponn minghand Peter, Matthew ma jsemmihix.

Jaqblu wkoll l-awha li fil-fatt barra li kien Peter li aggrediehom verbalment, Stephen Galea msejjah il-Bugann - li suppost kien habib mal-kbir Lyton, hareg jiccelingjahom biex jurihom min hu bully minnhom, qala’ l-grada tal-parapett tieghu, dahal gewwa, gab serratizz, u bih aggredixxa lil Lyton. Dan jghiduh kemm Lyton kif ukoll Matthew u Ryan fl-istqarrija taghhom, kif ukoll Lyton u Matthew fix-xhieda taghhom.

Qablu wkoll l-ahwa li tgerrbu fid-daghdigha, u ghax bdew jigu mferrqin mill-folla tan-nies, gewwa l-bar Step Down, li kif jindika ismu stess, huwa xi tliet targiet ‘l isfel livell tat-triq. Qablu wkoll illi hawn Stephen Galea, meta allura waqa’ ‘l isfel ghal gol-bar, hu habat ma’ mejda (ergo d-demm minn rasu). Qablu wkoll l-ahwa li fil-fatt kienet il-mara ta’ Stephen Galea li fil-fatt darba fil-bar qabdet banketta, u biha tat lil Lyton go rasu. Aktar tard fix-xhieda tieghu Lyton jghid ukoll illi hu lil mart Galea vera qabadha minn xagharha u tefaghha ‘l hemm, imma biss ghax kienet qed ittieh bil-banketta.

Jaqblu allura l-ahwa ko-imputati li fil-fatt kien Peter li l-ewwel aggredixxa lil Matthew u kien Stephen Galea li fil-fatt attakka lil Lyton bis-serratizz.

Matthew jghid illi fil-fatt kien hu li ha s-serratizz minn idejn Stephen Galea wara li dan kien ta bih go ras Lyton u fil-fatt li kien hu, cioe’ Matthew, li rema l-istess serratizz.

Sarah Mamo, l-gharusa tal-ko-imputat Lyton, tghid ukoll illi kien Stephen Galea li ta lil Lyton b’injama. Ikkonfermat anke bhala xhud in difesa ghal Lyton li semghet lil Galea jghid “Ha nurik min hu bully!” – dan skontdha ndirizzat lil Lyton. Kienet insistenti li fil-fatt kien Galea li kellu s-serratizz.

Peter minn naha tieghu xehed illi kienu marru fuqu, harguh mill-karozza, u bdew jaghtuh. Zied illi dahal iehor f’nofshom, (li ahna mix-xhieda migbura nafu li hu Stephen

Galea), li beda jghidilhom biex ihallu lilu, cioe' lil Peter, ghax kienu ser joqtluh. Senjalament qal ukoll illi wiehed minnhom anke waqa' ghal go Step Down Bar, u baqghu jaghtuh. Ikkonferma li l-imputati sawtu lilu kif ukoll lil Galea. Anke Reiner Scerri kkonferma li marru zewg guvintur li hebbu ghal Peter wara li marret tkellmu tfajla. Qal ukoll illi Stephen hareg iferraq u li tnejn daru ghalih. F'id Stephen xehed illi ma ra xejn.

Stephen Galea kkonferma li hu mar iferraq, u lil martu – tqila, kaxkruha minn xagharha. Ikkonferma li hu hareg jiddefendi lil tifel li kien go karozza jaqla' minghand it-tlieta. Indika li kien Lyton li gab l-injama mill-karozza, pero li anke hu kien xejjer biha meta giet f'idu. Qal illi wiehed mill-imputati kien laqtu bl-injama u li kien Lyton li tah f'rasu bil-banketta.

Gemma Galea wkoll ikkonfermat illi kienu l-ahwa li aggredew lil Peter, li kien Lyton li beda jaghti lil zewgha, li kien Lyton li beda jaghtih bil-banketta, u li lilha qabadha anke minn xagharha, zammha u anke beda jaghtiha.

Xhieda barranin okulari kkonfermaw illi kien Stephen li safa' mwegga', li dan waqa' t-tarag u li ragel beda jaghtih bil-banketta (Albrecht). Anke Beintner Michael jikkonferma li wiehed mill-aggressuri anke qabad banketta u beda jaghti biha lil Stephen go rasu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju li fil-fatt kienu l-ko-imptutati li fil-fatt kienu l-awturi ta' l-aggressjoni sofferta kemm minn Peter kif ukoll b'mod aktar gravi dik inflitta fuq Stephen Galea u aktar vili fuq martu. Dan jirrizulta minn ezami car u akkurat, specjalment tax-xhieda estraneji ghal dan l-incident. Jirrizulta wkoll mill-analizi tax-xhieda li certament it-tlieta kemm huma, huma hatja talli aggredew lil Peter Borg, talli kkagunaw danni fil-bar Step Down, u certament talli kisru l-paci pubblika.
Lyton Debattista wahdu qed jinstab hati tal-griehi li sofra Stephen Galea, stante li temmen il-Qorti li kien hu li aggredieh kemm barra kif ukoll nonostante li kien mixhut

mitluf, anke kompla jaghtih f'rasu b'banketta. Anke hati tal-aggressjoni li sofriet Gemma Galea.

Ghaldaqstant, qieghda ssib htija fil-konfront tal-akkuzati kollha fil-konfront tal-Artikoli 214, 221, 325, u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' Lyton Debattista ssib ukoll htija ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; rat ukoll il-fedina penali tal-imputati, u qieghda tikkundanna lil Matthew Debattista u Ryan Debattista ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Hija l-fehma ta' din il-Qorti li Lyton Debattista pero, minhabba l-aggressjoni li wera lejn Stephen Galea u martu tqila Gemma Galea, (jghid hu stess illi kien jaf li kienet tqila), illi ghandu jsofri piena karcerarja effettiva ghal perjodu ta' sena u nofs.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputati ihallsu l-ispejjez peritali bejniethom ghas-somma ta' €24.

Torbothom ukoll, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi ghal zmien sena(1) mill-lum, bla ebda mod ma jdejqu jew jivvessaw lil Stephen u Gemma Galea, u dan taht obbligazzjoni kull wiehed ta' €2,330.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------